# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 29 ta' Jannar 2017
Ir-IV Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tar-raba' Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nitolbu lil Alla jgħinna biex nkunu bnedmin aħjar.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Sof 2, 3; 3, 12-13)
Il-bniedem tajjeb huwa dak li bl-umiltà kollha jfittex lil Alla f'ħajtu kontinwament.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 1, 26-31)
F'din l-ittra li ser nisimgħu, San Pawl jgħid li Alla għażel il-ħwejjeġ żgħar u umli ta' din id-dinja.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 5, 1-12a)
Id-diskors tal-muntanja huwa wieħed mill-akbar tagħlimiet li Kristu tana għall-għixien tal-ħajja tagħna, b'mod speċjali l-għixien tal-faqar fl-ispirtu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
L-umiltà hi xi ħaġa essenzjali fil-ħajja nisranija tagħna. Ejjew għalhekk inpoġġuha fil-prattika f'dan il-mument ukoll permezz tal-offerti tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-għixien tal-faqar fl-ispirtu jimplika l-aċċettazzjoni ta' Alla fil-ħajja ordinarja. Ejjew ukoll f'dan il-mument naċċettaw lil Alla f'ħajjitna billi nirċevuh f'qalbna.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.